MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 135/1991/1

CITAZZJONI NUMRU 135/1991

Lilian Formosa

-vs-

Mary Debono

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-attrici fejn ippremettiet illi fl-ghaxra ta' Lulju elf disa' mija wiehed u disghin (10.VII.1991) ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' fil-ghodu (6.45am) l-attrici kienet qed issuq il-mutur numru tar-registrazzjoni P-8596 matul Triq Fortunato Mizzi, Victoria, meta fis-siegha u l-hin hija giet investita minn karozza numru tar-registrazzjoni V-0725, misjuqa mill-konvenuta.

U illi l-incident de quo gara unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta in kwantu kienet qed issuq il-vettura taghha fl-istess direzzjoni ta’ l-attrici meta f’daqqa u l-hin kisret ghal fuq il-lemin taghha minghajr ma tat ebda pre avviz ta’ l-intenzjoni taghha li taghmel dan u minghajr ma qaghdet attenta ghat-traffiku l-iehor illi kien qed juza l-istess triq, tant illi xeghlet l-indicators fil-mument preciz illi kisret il-karozza u mhux qabel;

Illi per konsegwenza ta’ l-incident l-attrici sofriet danni ngenti konsistenti f’danni fil-mutur misjuq minnha illi thalsu mill-attrici, u feriti u lezjonijiet personali li minhabba fihom hija ghamlet zmien ma tistax tattendi ghax-xoghol taghha kif ukoll qed issofri dizabilita’ permanenti per konsegwenza ta’ l-istess.

Talbet li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident illi gara fl-ghaxra ta’ Lulju elf disa’ mija wiehed u disghin (10.VII.1991) ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta’ fil-ghodu (6.45am) bejn l-attrici illi kienet qed issuq il-mutur numru tar-registrazzjoni P-8596 matul Triq Fortunato Mizzi, Victoria u l-karozza numru tar-registrazzjoni V-0725, misjuqa mill-konvenuta.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici per konsegwenza ta’ l-istess incident, billi tiddikjara illi jikkonsistu f’dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici dawn id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittri interpellatorji tat-28 ta’ Settembru 1991 u tat-12 ta’ Awissu 1991, kif ukoll ta’ l-ittra ufficjali ta’ Ottubru 1991, u dik prezentata kontestwalment ma’ din il-kawza kontra l-konvenuta.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija msejha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attrici debitament guramentata kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Debono fejn eccepiet:

1. illi fl-ewwel lok l-attrici ma tistax tippretendi li tithallas ta’ l-allegat hsarat fil-motorcycle, la darba hija, fil-mument li saret il-kollizzjoni ma kinitx is-sid ta’ l-istess vettura u dana irrispettivament jekk l-istess hsarat thallsux minnha jew le;

2. illi, fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi l-incident stradali in kwestjoni gara unikament minhabba imperizja, traskuragni grassa u non-osservaza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess attrici;

3. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta debitament guramentata kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa.

Rat il-kontro talba tal-konvenuta li wara li ppremettiet illi qeghdha taghmel il-kontro talba fis-sens illi jigi dikjarat illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess attrici li f’habta u sabta waqt li kienet qeghdha ssuq il-motorcycle (numru ta’ registrazzjoni P-8596), proprjeta’ ta’ certa Victoria Formosa matul triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex (u cioe’ fl-iktar triq traffikuza u wahda mill-iktar arterji principali tat-traffiku kollhu li jkun diehel jew hiereg mic-centru tal-belt Vittorja). Iddecidiet li taghmel manuvra ta’ sorpass ta’ xi tliet vetturi li kienu quddiemha u ghaddejjin ukoll fl-istess direzzjoni ft-triq ir-Repubblika;

Illi dina l-manuvra ta’ sorpass kienet mhux biss imprudenti li ssir f’dak il-lokal imma saret ukoll fl-iktar mument in opportun u b’manjera l-iktar traskurata u dana peress illi l-istess attrici pprocediet biex tissorpassa mhux biss vettura wahda imma xi tliet vetturi bir-rizultat illi baqghet diehla fuq in-naha tal-lemin tal-vettura (numru ta’ registrazzjoni V-0725) misjuqa u proprjeta’ tal-konvenuta, li fil-mument tal-habta kienet diga’ dahlet f’Ninu Cremona Street;

Illi ghalhekk minhabba l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi, li gara unikament htija u tort ta’ l-istess attrici, il-konvenuta soffriet danni ingenti fil-vettura taghha, tat-tip Subaru (numru ta’ registrazzjoni V-0725);

Talbet li din l-Qorti:

1. tiddikjara lill-attrici unikament responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fic-citazzjoni;

2. Jigu ghalhekk likwidati d-danni sofferti mill-konvenuta fl-incident awtomobilistiku imsemmi fic-citazzjoni liema danni jikkonsistu fi hsarat fil-karozza kif ukoll kiri ta’ karozza “self drive” u dana okkorrendo permezz ta’ perit nominat ghall-istess fini;

3. Tikkundanna lill-attrici li thallas id-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta’ l-istess attrici ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharka.

Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta debitament guramentata u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ l-attrici ghall-kontro citazzjoni prezentata mill-konvenuta fejn eccepiet:

1. illi t-talba ta’ Mary Debono hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt, ghaliex kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-incident de quo gara unikament

tort htija u responsabbilita' ta' l-istess Mary Debono minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess Mary Debono;

2. ghalhekk it-talbiet ta' l-istess Mary Debono ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Lilian Formosa debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat u semghet ix-xhieda.

Rat ir-rapporti peritali;

Ezaminat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici;

Rat l-attijiet kollha u d-dokumenti tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-incident stradali meritu l-kawza jitratta habta bejn mutur numru ta' registrazzjoni P8596 misjuq mill-attrici u vettura numru ta' registrazzjoni V0725 misjuqa mill-konvenuta li gara meta l-attrici kienet qed taghmel manuvra ta' surpass fil-hin li l-konvenuta kienet qed iddur biex tohrog minn Triq Fortunato Mizzi ghal go Triq Ninu Cremona, cioe', triq laterali fuq il-lemin taghha. Mill-provi jirrizultaw is-segwenti fatti pruvati: (1) li l-attrici kienet qeghdha taghmel il-manuvra ta' sorpass ta' sensiela ta' vetturi – cirka erba'; (2) li l-imsemmija attrici hi u taffetwa s-sorpass oltrepassat il-linja medjana tat-triq in kwistjoni; (3) li l-incident avverra ruhu fil-waqt li l-konvenuta kisret biex tidhol fit-triq laterali fuq il-lemin taghha u l-attrici kienet biswit taghha ma' genb il-vettura tal-konvenuta; (4) iz-zewg sewwieqa kienu qeghdin jittranzitaw b'velocita' minima billi fil-hin li gara l-incident t-traffiku kien qieghed jimxi bil-mod; (4) li l-iskizz jirrifletti il-posizzjoni tar-rispettivi vetturi wara l-impatt;

Illi l-attrici qeghdha tirreklama danni konsistenti f'lukri cessanti u danni emergenti; il-konvenuta min-naha taghha

u permezz tal-kontro-talba qeghdha tirreklama danni emergenti. Iz-zewg sewwieqa qeghdin jadossaw ir-responsabilita tal-incident fuq xulxin. Issa fil-kors tal-proceduri saru zewg perizji li ttrattaw principalment il-kwistjoni tar-responsabbilita'. Il-konkluzjoni raggunta f'entrambi r-rapporti kienet li z-zewg sewwieqa kienu responsabbli nofs bin-nofs u dana wara li l-abbli relaturi kkonsidraw il-provi u l-aspetti legali involuti b'mod minuzjuz, fil-fehma ta' din il-Qorti. Fil-fatt din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-grad ta' responsabbilita' akkolata bin-nofs fuq iz-zewg sewwieqa u qeghdha tadotta fl-intier il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet hemm raggunti u dana ghar-ragunijiet hemm esawrientement imfissra. Ma taqbel assolutament xejn mas-sottomissjoni tal-attrici, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, li ghall-incident ghandha tinzamm responsabbli unikament il-konvenuta billi meta t-talija ipprocediet biex taqsam ghat-triq laterali bdiet taqta' il-karregjata qabel ma giet fid-dritt tat-triq li fiha kienet ser tidhol. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attrici ghandha ggorr r-responsabbiltajiet taghha ghall-manuvra ta' sorpass li kienet wahda azzardata u spropozitata fic-cirkostanzi, partikolarment, ghaliex giet ittentata f'dik il-parti tat-triq, u fil-waqt li rrizulta, kuntrarjament ghal dak li sostniet, li kellha pre-avviz minn qabel tal-intenzjoni tal-konvenuta. Da parti taghha l-konvenuta kienet tenuta li tivverifika li setghet tikser minghajr ma tikkreja perikolu lill-utenti l-ohra tansitanti l-istess triq.

Illi ghal dawk li huma l-lukri cessanti reklamati mill-attrici hi ssostni li soffriet disabilita' permanenti fuq persuntha konsistenti fi sfregju f'ghonqa. Mill-atti jirrizulta illi fit-12 ta' Jannar tas-sena 2000, folio 158, dina l-Qorti diversament preseduta, kienet innominat lill-Professur Victor Sultana sabiex jistabilixxi grad ta' disabilita'. L-espert mediku pprezenta zewg rapporti u anka xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta (vide folio 184 et seq, 194 et seq u 196 et seq). Il-konkluzjoni, migbura fi ftit kliem, hi wahda: li l-attrici irrifjutat kull intervent kirugiku b'dan li c-cikatrici li ghandha aggravaw tant li, fi kliem l-espert, "illum dawn il-feriti huma koroh u jikkostitwixxu sfregju" li ma kienx ikun evidenti li kieku gew trattati fil-hin propizju. Huwa principju generali tad-dritt li "*nemo suam*

*turpitudinem alligere licet*" izda hu ndubitat li xi forma ta' sfregju, minima kemm hi minima, l-incident in disamina, kien ihalli. Billi jirrizulta li l-ebda percentwali ma tista tinghata illum din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha "*arbitrio boni viri*" u fuq l-iskorta tal-kriterji imsemmija fl-Artikolu 1045(2) tal-Kodici Civili ser tillikwida dawn id-danni emergenti fl-ammont ta' tliet elef lira Maltin (Lm3000) li jigu spartiti ugwalment tenut li ghall-incident r-responsabbilita' hija nofs bin-nofs.

Illi in kwantu ghad danni emergenti l-Qorti ma ssibx li ghandha tvarja mill-konkluzjonijiet tal-esperti legali minnha nominati u bhalma hemm imnizzel fl-ahhar tar-relazzjoni tal-periti addizjonali (folio 222) ser tikkundanna l-attrici thallas lill-konvenuta s-somma ta' mija wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm191.55).

Ghalhekk qeghdha tiddisponi minn dina l-kawza billi tiddeciedi kif ser jinghad:

1. in-kwantu l-ewwel talba fic-citazzjoni u l-kontro-citazzjoni qeghdha ssib u tiddikjara r-responsabbilita' ghall-kollizjoni fil-proporzjon ta' hamsin fil-mija lill-attrici u hamsin fil-mija lill-konvenuta;

2. in kwantu t-tieni u t-tielet talba tac-citazzjoni attrici u l-korrispondenti talbiet fil-kontro-citazzjoni tal-konvenuta qeghdha tillikwida d-danni sofferti mill-attrici bhala konsistenti fis-somma ta' Lm3000 bhala lukri cessanti u Lm50 bhala danni emergenti u in kwantu l-konvenuta qeghdha tillikwida d-danni emergenti fis-somma ta' erba' mija tlieta u tletin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm433.11) b'daqstant illi:

3. qeghdha tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma rizultanti ta' elf tliet mija u tmien liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1308.45).

L-ispejjez fic-cirkustanzi jithalsu bin-nofs bejn il-partijiet.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Għar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------